**19 ta' April, 1961**

**Imhallef:—**

**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Louis Mariani

*versus*

Dorothy Pitt et.

**Bżonnijiet Ġornaljeri — "Necessaries" — Liġi Ingliża — Mara.**

*Di fronti għal raġel u mara li huma ta' nazzjonalità ingliża u jżżewġu l-Ingilterra, hija applikabbli dwar l-obligazzjonijiet għall-oġġetti u affarijiet li jinxtraw għall-familja, il-liġi ngliża. U kwindi l-fatt li r-raġel u mara miżżewġa jgħixu flimkien jimporta, dwar dawk l-affarijiet, li jissejħu "necessaries", li l-mara takkwistahom bħala mandatarja tar-raġel, u huwa responsabbli għalihom l-istess raġel.*

*X'inhuma dawn in-"necessaries" hija kwistjoni ta' fatt, li għandha tiġi determinata skond il-pożizzjoni soċjali u finanzjarja tal-partijiet involuti. Imma affarijiet u ħwejjeġ li ordinarjament huma neċessarji ma humiex "necessaries" jekk jiġu ordnati fi kwantitajiet eċċessivi, jew jekk il-mara tkun diġa' provvduta minnhom. U jekk ir-raġel iħallas somma determinata lill-martu għat-tmexxija ġornaljera tad-dar konjugali, din il-preżunzjoni tal-mandat lill-martu tispiċċa.*

*Din il-preżunzjoni, però, tista' tiġi kombattuta, billi jista' jiġi pruvat li responsabbli għal dawk l-oġġetti hija l-mara.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħti kull provvediment opportun, talab li l-konvenuti jiġu kundannati minn din il-Qorti jħallsu lill-attur is-somma ta' £26.4.7, prezz ta' provvisti mibjugħa u konsenjati lill-konvenuta; bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Semgħet lill-attur bil-ġurament;

Rat in-nota tal-attur li biha rrinunzja għall-meritu u żamm ferm il-kap tal-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-konvenuta ħadet provvisti għad-dar minn għand l-attur għas-somma ndikata fl-att taċ-ċitazzjoni, u li l-meritu ġie mħallas fil-kors tal-ġudizzju;
Illi kwindi l-kwistjoni tikkonċerni l-kap tal-ispejjeż;

Illi l-konvenuti huma ta' nazzjonalità ingliża u żżewġu l-Ingilterra;

Illi kwindi di fronti għalihom, hija applikabbli l-liġi ngliża, dwar l-obligazzjonijiet tal-oġġetti u affarijiet li jinxtraw għall-familja;

Illi skond il-liġi ngliża, il-fatt li raġel u mara miżżewġa jgħixu flimkien jimporta, dwar dawk l-affarijiet, li jissejħu "necessaries" (oġġetti meħtieġa għall-ħajja ġornaljera), li meta l-istess jiġu akkwistati mill-mara, l-akkwist tagħha huwa kunsidrat li jsir bħala mandatarja tar-raġel tagħha, u huwa responsabbli għalihom l-istess raġel tagħha (ara Odgers, On the Common Law, Vol. 2, paġ. 738). X'inhuma dawn in-"necessaries" hija kwistjoni ta' fatt, li

għandha tiġi determinata skond il-pożizzjoni soċjali u finanzjarja tal-partijiet involuti. Imma affarijiet u ħwejjeġ li ordinarjament huma neċessarji ma humiex "necessaries" jekk jiġu ordnati fi kwantitajiet eċċessivi, jew jekk il-mara tkun diġa' provvduta minnhom. Jekk ir-raġel iħallas somma determinata lill-martu għat-tmexxija ġornaljera tad-dar konjugali, din il-preżunzjoni tal-mandat lill-martu tispiċċa (Odgers, ibidem);

Illi din il-preżunzjoni tista' tiġi kombattuta; iżda l-attur ma ġiebx l-aħjar prova sabiex jikkumbatti din il-preżunzjoni u jsostni dak li qiegħed jafferma, li l-konvenuta assumiet personalment bil-miktub l-istess debitu;

Illi, premess dan, għandha tibqa' tipprevali l-preżunzjoni li l-konvenuta kienet mandatarja ta' żewġha fil-kompri ta' kulljum, u kwindi b'dawk l-istess kompri kienet qegħdha tivvinkola lill-żewġha, u mhux lilha nnfisha;

Illi kwindi, in vista' ta' dan, għalkemm il-meritu ġie ċedut, imma l-istess kellu jiġi delibat għall-kap tal-ispejjeż;

Illi l-konsegwenza hija li għall-kap tal-ispejjeż huwa tenut biss il-konvenut;

Għalhekk;

Taqta' u tiddeċidi billi tastjeni ruħha milli taqta' l-meritu, għax ġie rinunzjat, u, mentri li tikkundanna dwar l-ispejjeż lill-konvenut, tillibera dwar l-istess lill-konvenuta.